MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 31/2017

It-Tlieta 21 ta' Novembru 2017

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-Chairperson ippresjediet il-laqgħa.

### 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

31.1.1 Iċ-Chairperson qalet li s-Sur Simon Salomone Reynaud kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

31.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 30/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

31.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

31.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

31.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 31.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

31.3.1 Iċ-Chairperson flimkien mas-Sindku u l-membri tal-Kumitat Amministrattiv awguraw lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Ryan Debrincat ghall-bidu tal-impjieg tiegħu fi ħdan il-Kunsill Lokali.

31.3.2 Iċ-Chairperson introduċiet lis-Sur Joe Sultana li kien preżenti ghal-laqgħa u tagħtu permess jgħaddi l-messaġġ tiegħu.

31.3.3 Is-Sur Joe Sultana qal li qed jitkellem f'isem xi sidien ta' stabilimenti kummerċjali f'Marsalforn fejn qal li qed jiltaqgħu u jaqsmu ideat bejniethom biex jaraw lil Marsalforn jimxi dejjem 'il quddiem. Is Sur Joe Sultana qal li qed jaħdmu biex jiffurmaw kumitat jew assoċjazzjoni uffiċċjali. Ikkonkluda li jixtieq li jkun hemm koperazzjoni mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn u mal-Kunsill Lokali iż-Żebbuġ.

31.3.4 Iċ-Chairperson flimkien mas-Sindku irringrazzjawhom tax-xogħol li qed jagħmlu fuq din l-idea. Is-Sindku qalilhom li meta jkollhom bżonn xi għajnuna jistgħu jirrikorru għand il-Kumitat Amministrattiv jew għand il-Kunsill lokali. Is-Sindku qal li jixtieq jiltaqa' mas-sidien tar-ristoranti u stabilimenti kummerċjali ta' Marsalforn sabiex jitkellmu fuq il-ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda tagħhom. Is-Sindku qasam il-ħsieb ma' dawk preżenti dwar il-possibilita' li l-borża s-sewda tinġabar mill-kuntrattur tal-kunsill lokali u jsir ħlas minimu lill-Kunsill Lokali. Dan minflok kif suppost qed isir illum li kull stabiliment ikollu l-kuntrattur tiegħu għal dan il-ġbir. Is-Sindku saħaq li bis-sistema preżenti jista' jkun il-każ li mhux kulħadd qiegħed jagħmel dan regolarment.

31.3.5 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li s-siġra li kien hemm fuq il-bankina fi Pjazza San Pawl tneħħiet u wara li nġabru tlett kwotazzjonijiet x-xogħol sar mis-Sur Anġlu Said li kien ta l-orħos offerta għall-prezz ta' €300.

31.3.6 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li fejn kien hemm din is-siġra mal-ħajt ħdejn ir-ristorant 'Il-Forno' huwa mudlam. Il-Kumitat qabel li ssir bozza ma' dan il-ħajt, bi qbil mas-sid tar-ristorant.

31.3.7 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat dwar iż-żjara tal-President ta' Malta li se ssir il-Ħadd 10 ta' Diċembru 2017 bejn 6.10pm u 6.40pm.

31.3.8 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat dwar il-fondi tal-UIF li l-bilanċ attwali ta' dan il-fond huwa ta' €136,832. Il-Kumitat qabel li dawn il-fondi jintużaw biex isir mill-ġdid ir-*railing* tal-ħadid fi Triq Santa Marija u belvedere fl-istess triq.

31.3.9 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat dwar serratura tal-i*store* tal-kumitat ħdejn l-għassa ta' Marsalforn li għandha bżonn tinbidel. Il-Kumitat qabel li tinbidel.

31.3.10 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li l-Maġistrat Paul Coppini jixtieq li r-*reserve parking* tiegħu fi Triq il-Wied titmexxa għal Triq il-Munġbell. Dan sabiex ikollu l-karozza aktar viċin tiegħu. Kien hemm qbil mill-Kumitat dwar dan.

31.3.11 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li rċivejna korrispondenza mingħand Transport Malta dwar *traffic management* fi Triq is-Sajjieda

biex il-Kumitat jissustanzja l-oġġezzjoni tiegħu għall-proposta ta' Transport Malta. Il-Kumitat qabel li ser jibqa' mad-deċiżjoni tiegħu biex ma jintilef l-ebda spazju ta' parkeġġ li huwa limitat ħafna f'Marsalforn. Il-Kumitat qal li dik hija triq qasira u faċilment wieħed jirriversja lura.

31.3.12 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li sar ilment (40/2017 minn R. Zacchau) li qiegħda titlob biex isiru *cameras* fi Triq il-Qolla s-Safra peress li qed jarmu skart goff fit-triq. Is-Sindku qal li se ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-*bulky refuse* biex is-servizz ikun aktar effiċjenti. Qal li l-*cameras* iqumu ħafna flus u impossibli li jsiru l-*cameras* kullimkien. Qal ukoll li *green wardens* mhumiex effettivi għaliex apparti li jitħallsu ħafna jispiċċa xorta waħda ma jinqabad ħadd. Iċ-Chairperson issuġġeriet li jerġgħu jitpoġġew l-iskips filwaqt li s-Sur Frank Fenech issuġġerixxa li jitpoġġa open skip ħdejn il-Wied. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir ftehim mal-kuntrattur li jiġbor il-borża s-sewda biex tibda tinġabar il-Ħadd hekk ghall-4pm minflok it-Tnejn u jekk ma jintlaħaqx dan il-ftehim isir open skip li jitpoġġa l-Ħadd u jitneħħa t-Tnejn. Il-Kumitat qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

31.3.13 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li sar ilment (41/2017 minn G. Sacco) li qed jitlob biex titneħħa t-tabella *one way* fi Triq il-Wied ħdejn il-*bring in site*. Il-Kumitat qabel li titneħħa t-tabella.

31.3.14 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li rċivejna korrispondenza oħra mingħand l-Inġ. Scerri dwar l-inċident bil-karozza f'Marsalforn. Il-Kumitat iddeċieda li ġaladarba m'għandniex id-dokumenti mitluba skont id-direttiva tal-Bord ta' Gvernanza Lokali, din it-talba għad-danni ma tistax tiġi milqugħa.

31.3.15 Iċ-Chairperson flimkien mas-Sindku infurmaw lill-Kumitat li l-ikla tal-Milied għall-membri tal-Kumitat Amministrattiv ser issir flimkien ma' dik tal-Kunsill Lokali nhar it-22 ta' Diċembru 2017 f'nofsinhar.

## 31.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

31.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar *zebra crossing* ta' Triq il-Qbajjar. Iċ-Chairperson wieġbet li kienet ser issir imma kien hemm xi ilmenti mir-residenti tal-madwar. Il-Kumitat qabel li ssir ftit 'il fuq minn fejn kienet ippjanata jiġifieri ssir quddiem it-Triq Ulisse.

31.4.2 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar jekk huwiex possibli li t-taraġ li jinsab ħdejn l-għassa tal-Pulizija li jagħti għall-Knisja ta' Marsalforn isir bil-mużajk. Hi ssuġġeriet biex isir avviż u jinġabru affarijiet taċ-ċeramika mingħand in-nies tal-lokalita' biex minnhom jinħadem il-madum tal-mużajk. Il-Kumitat qabel ma dan is-suġġeriment u sar qbil li jsir kontenitur biex jinġabru l-affarijiet taċ-ċeramika ħdejn l-għassa ta' Marsalforn.

## 31.5 Xogħol fi Triq Għar Qawqla

31.5.1 Is-Sindku informa lill-Kumitat li rċivejna korrispondenza mir-Reġjun Għawdex li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali laqa' t-talba tagħhom sabiex il-Kunsilli Lokali jingħataw estensjoni għat-tlestija tal-proġetti relatati mal-Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-responsabilita' tal-Kunsilli Lokali sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2018.

31.5.2 Is-Sindku informa lill-Kumitat li l-Korporazzjoni tal-Ilma riedet li l-Kunsill iħallas parti mill-ispiża biex issir it-trinka u l-mili tagħha għall-*main* tal-ilma li tammonta €11,303.87. Wara insistenza mal-Korporazzjoni sar qbil li l-Kunsill jagħmel it-trinka biss li l-ispiża ser tkun ta' madwar €3,015.

## 31.6 Tiżjin tal-Milied 2017

31.6.1 Il-Kumitat iddeċieda unanimament li jkellmu lill-kuntrattur Chris Gauci biex iżejjen peress li l-kumitat kien sodisfatt bil-kwalita' tat-tiżjin fiż-Żebbuġ tas-sena l-oħra. It-tiżjin isir fejn sar is-sena l-oħra peress li max-xtajta ikun suġġett ta' ħafna ħsarat minħabba l-elementi tax-xitwa.

31.6.2 Il-Kumitat iddeċieda li din is-sena jsir presepju bi grotta ta' l-injam fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Marsalforn.

**Mozzjonijiet**

31.7

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

31.8

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.05 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Gimgħa 15 ta' Diċembru 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il- Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017.

Marija Saliba
Chairperson

Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv